**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Mejju 2023**

**Rikors nru : 273/2022 fl-ismijiet;**

**TP**

**Vs**

**DP**

**IL-QORTI ;**

**RAT IR-RIKORS TA' TP , DATAT 26 TA' JANNAR 2023;**

Illi hemm pendenti dal-proceduri odjerni sabiex tkun tista tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali tal-partijiet, waqt li tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti, ezistenti bejniethom, fost talbiet ohra.

Illi l-unjoni tal-partijiet tfarrket irrimedjabilment u sintendi hija m' ghandha ebda vizibilita' jew kontroll tal-obbligi li qed tassumi l-intimata.

Illi minbarra dan, illum l-esponenti tixtieq tkun f' posizzjoni li tamministra ahjar l-assi taghha , in vista tal-fatt li l-partijiet stabilixxew hajja indipendenti minn xulxin.

Illi l- esponenti tixtieq li tkun f' posizzjoni tfaddal ghal rasha u jkollha serhan tal-mohh fir-rigward tal-amministrazzjon tad-dhul taghha u jekk ikun hemm il-htiega, tidhol ghal self wehidha li tkun respaonsabbli ghalih hi biss.

Ili f'dal-kuntest, jigi rilevat ,il-partijiet ghandhom dhul indipendenti minn xulxin tant li hadd mil-parijeiet ma huwa dipendenti fuq il-parti l-ohra, u ghalhekk ma hemm ebda raguni ghalfejn il-komunjoni tal-akkwisti ghandha tissustissi bejniethom.

Ghaldaqstant, l-esponenti prevja li t-talbiet f' dil-kawza ikomplu jinstemghu u jigu decizi fi stadju ultejruri , ghar-ragunijiet premessi u ohrajn titlob lil dina Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara ;

1. It-terminazzjoni mmedjata tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet
2. Illi regim appliabbbli bejn il-partijiet, minn issa' l quddiem ghandu jkun dak tas-seperazzjoni tal-assi.

Salv kull provvediment iehor xieraq u opportun.

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-risposta ta' DP datata 23 ta' Frar 2021;**

1. Illi l-proceduri gudizzjarji li hemm pendenti bejn il-partijiet tant ghadhom fi stadju bikri, li l-intimata ghadha lanqas biss giet notfikata bir-rikors guramentat u allura f' dal-istadju ghadu wisq prematur li tittiehed decizjoni meta ghandhom lanqas bdew jinstemghu l-parijiet, biex wiehed jaccerta ruhu li l-intimata mhux ser ssoffri danni b' kawza ta' din it-talba.
2. Illi ghandu jigi a konjizzjoni ta 'dil-Qorti, li prezentament hemm flejjes li fil-fatt l-intimata kienet sellfet lil attrici liema flus, certament ser ikunu kontenzjoni f' dil-kawza, u jekk ikun hemm it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti , l-attrici tkun tista' tidhol f' debiti orhajn u ghalhekk ser tippregudika lil intimata li tkun ferm difficcli ghaliha biex tithallas u tiehu flusha lura.

**Ghaldaqstant tenut kotnt ta' dan kollu, l-esponenti umilment titlob lil dina Onorabbli Qorti, sabiex tichad t-talbiet in toto.**

**Bl-ispejjez kontra l-istess attrici.**

Il-Qorti ;

Rat in-nota ta'  DP  datata 25 ta' April 2023, fejn hija tinforma lil dina Onorabbli Qorti, li hija u l-attrici waslu f' kompromess dwar il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, u ghaldaqstant qed tirtira l-oggezzjoni taghha ghall-waqfien tal-istess.

Ghal dir-raguni, l-esponenti  mhux qed toggezzjona illi  t- talba tal-attrici,  biex tieqaf il-komunjoni tal-akkwisti,f' dal-istadju, tal-proceduri u t-tlabiet taghha, ghadhom jigu milqugha.

**IKKUNSIDRAT:**

In vista li l-oggezzjoni tal-konvenuta ghat-talba tal-waqfien tal-komunjoni kif maghmulha mill-attrici illum giet irtirata minnha stess, il-Qorti fehmet li ma hemmx oggezzjoni sabiex din it-talba tintlaqa'. Ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza fuq dan ir-rikors.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti:

Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti;

1. Tordna t-terminazzjoni immedjata tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet.
2. Tordna illi r-regim applikabbli bejn il-partijiet, minn issa' l quddiem, ghandu jkun dak tas-seperazzjoni tal-assi.

**L-ispejjez jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.**

**Imhallef**

**Onor Anthony Vella**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**